# Tnejn u ħamsin sena fil-missjoni

**Tlett xhur ilu wasal Malta Fr. Robert Cini mssp, wara 52 sena li kien ilu fil-missjoni. Illum nixtieq inlaqqagħkom miegħu permezz ta' din l-intervista.**



**Fr. Robert, għidilna ftit fuq it-tfulija tiegħek?**

Jiena twelidt Ħal Qormi fil-21 ta' Mejju, 1927 u ġejt mgħammed fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Jiena kont l-iżgħar fost ħamest aħwa subien. Bil-mewt ħesrem ta' missieri sfajt iltim. Missieri kien jaħdem ma' Coleiro li jagħmlu l-inbid u bis-saħħa tas-Sur Ġann Coleiro ġejt aċċettat fl-istitut ta' San Ġużepp, f'Santa Venera, minkejja l-età żgħira ta' sitt snin u nofs. L-iskola primarja għamiltha fl-istitut. Meta kelli tlettax-il sena, wara li kont smajt prietka fuq il-Missjoni, tlabt biex nidħol aspirant fss-Soċjetà tagħna. F'Settembru tal-1941 bdejt l-iskola sekondarja fil-Kulleġġ ta' San Alwigi sakemm spiċċjat il-Matrikola. F'Ottubru tal-1946 bdejt in-novizzjat taħt id-direzzjoni ta' Patri Daniel Glavina sj li allura kien ukoll Superjur tas-Soċjetà, Delegat ta' l-Arcisqof Gonzi.

**Fejn għamilt l-istudju għas-saċerdozju?**

Wara n-novizzjat bdejt il-filosofija fis-Seminarju tal-Furjana u komplejt il-kors tat-Teologija l-Università ta' Malta fil-Belt. Fit-2 ta' Awwissu, 1953 ġejt ordnat saċerdot mill-Isqof Emmanuele Galea flimkien ma' tmin seminaristi. Wara l-ordinazzjoni għext fil-komunità ta' Sant'Agata ir-Rabat u anke ħdimt għal xi xhur fl-Oratorju ta' Birkirkara.

**Fr. Cini, inti mort il-missjoni mill-ewwel malli qaddist?**

Le, tlett snin wara li sirt qassis, f'Ottubru tal-1956 ġejt assenjat għall-missjoni tal-Awstralja, flimkien ma' Fr. Claude Borg MSSP.

Sifirna flimkien ma' 400 emigrant malti fuq il-vapur "Castel Felice" u wasalna Melbourne fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

Wara tlett xhur kont mibgħut *Perth, Western Australia* fejn għal sitt snin kont il-Kappillan tal-Maltin t'hemm. Fl-1963 ġejt ittrasferit f'*Gippsland* ġo *Victoria* fejn għal ħames snin ħdimt fost il-Maltin ta' *Moe*, *Newborough*,*Yallourn* u *Morwell*. Fl-1968 is-Superjuri ddeċidew li jibgħatuni *Melbourne* bħala Superjur Reġjonali jew Vigarju tal-Missjoni tagħna fl-Awstralja. Matul daż-żmien kellna t-tberik u l-ftuħ uffiċċjali ta' *St. Paul's Missionary College* f'*Wantirna South* minn Monsinjur James Knox, l-Arċisqof ta' *Melbourne*.

**Mill-Awstralja int kont mort l-Amerka mill-ewwel?**

Il-ħidma tiegħi fost l-emigranti Maltin ma waqfitx l-Awstralja. Kien f'Novembru tal-1977 meta jiena ġejt ittrasferit għal *Detroit* biex inkompli x-xogħol tiegħi fost il-Maltin ta' din il-metropoli fl-Istati Uniti. Barra mix-xogħol fost ħutna l-Maltin ta' *Detroit*, jiena wkoll kont kappillan f'żewġ parroċċi tal-Arċidjoċesi ta' *Detroit*. Il-parruċċani ta'dawn iż-żewġ parroċċi fil-maġġoranza ma kinux Maltin. Ix-xogħol fost l-emigranti Maltin kien jikkonsisti l-aktar fi żjajjar fid-djar u fl-isptarijiet; quddies u qrar bil-malti, funerali u żwiġijiet u kuntatt mal-*Clubs* tagħhom. Domt f'dan l-apostolat għal 31 sena. F'Ottubru tas-sena li għaddiet, iddeċidejt li nirtira minħabba saħħti u hekk ġejt lura lejn Malta wara 52 sena naħdem qalb ħutna l-emigranti fl-Awstralja u fl-Amerka.


**Trid li int ikollok sehem fix-xogħol li jagħmlu l-missjunarji tagħna?**



**Dan tista' tagħmlu billi toffri 583 Euro waħdek, jew ma' ħaddieħor, f'daqqa jew ftit ftit. Kif trid int. Jekk trid tista' wkoll tħalli din il-Fundazzjoni f'testment biex issir wara mewtek. B'hekk tkun qed tgħin fil-formazzjoni ta' l-istudenti tagħna. B'hekk tkun waqqaft "Borża ta' Studju"**

**Min jagħti għall-Missjoni jkun qiegħed jislef 'l Alla"**
***Mons. Ġ. De Piro***

L-indirizz tiegħi hu: 'L-Oratorju' Triq San Ġiljan, B'Kara, BKR 2806. Tel: 2144 1917 / 7926 5968



MARZU 2009 / GĦADD 435
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP






# għna lilkom
ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB
NEWSPAPER POST
SOĊJETÀ MISSJUNARJA TÀ SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159


# Żjara minn Nunzju Appostoliku liċ-ĊAM u liċ-ĊPI

Fr Norbert Bonavia mssp,
*Editur*

Nhar is-16 ta' Frar 2009, in-Nunzju Appostoliku Mons. Tommaso Caputo, għamel żjara liċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja (ĊAM) u ĊAM Productions International (CPI) tas-Soċjetà tagħna li għandna f'Santa Verera. Huwa ġie milqugħ mis-Superjur Ġenerali Fr. Bernard Mangion, u mill-Vigarju Reġjonali Fr. Louis Mallia li huwa wkoll id-Direttur kemm taċ-ĊAM u kemm taċ-ĊPI.

F'din il-vista in-Nunzju kellu l-opportunità li jżur l-*istudios* taċ-ĊPI, isir jaf aktar dwar il-ħidma li ssir kemm miċ-ĊAM u miċ-ĊPI, kif wkoll jiltaqa' man-nies li jagħtu sehemhom f'dawn iż-żewġ entitajiet.

Fl-introduzzjoni tagħhom, Fr. Louis Mallia kif ukoll Ms.Marthese Brincat, Assistent Direttur taċ-ĊPI, spjegaw li ċ-ĊAM għandu struttura biex jinġabru fondi li mbagħad jintbagħtu lill-missjonijiet tas-Soċjetà tagħna. Semmew il-kontejners li jintbagħtu b'ikel u bżonnijiet oħra u l-*hampers* li jibgħatu fi żmien il-Għid għall-familji fil-bżonn dawn imorru fil-missjoni tal-Perù. Barra dan isiru l-korsijiet ta' Missjoloġija biex titqajjem kuxjenza missjunarja f'Malta.

Iċ-ĊPI, hija *production house* li minnha jsiru l-programmi **Sejjaħtli,** li jixxanda fuq ONE TV, u **Ħaddieħor,** li jixxandar fuq NET TV. It-tnejn ilhom jixxandru għal dawn l-aħħar 7 snin. Barra dan jittellgħu programmi oħra, bħalma sar fl-Avvent li għadda, u qed jerġa' jsir fir-Randan, meta ntwera **SHEMA** fuq iż-żewġ stazjonijiet. Iċ-ĊPI ħarġet ukoll diversi DVD's dwar il-ħajja ta' xi qaddisin fosthom Sta. Tereża ta' Lisieux, St. Franġisk t'Assisi u San Ġorġ Preca. Saru wkoll DVD's mill-Art Imqaddsa, Awdjo CD's dwar l-ittri ta' San Pawl u aktar. Ma setax jonqos li jsemmu l-Maratona **Oħloq Tbissima.** Maratona ta' 60 siegħa xandir *live*, li permezz tagħha jinġabru fondi u titqajjem iżjed kuxjenza missjunarja.

In-Nunzju Appostoliku Mons. Tommaso Caputo, kien impressjonat bil-ħidma li qed ssir kif ukoll bl-atmosfera ta' familja li tinħass bejn dawk kollha nvoluti. Huwa qal li jinsab ferħan li qed isir dan l-isforz li qed jilħaq numru kbir ta' nies u li b'hekk qed jitwasslu l-valuri Nsara. Huwa feraħ lit-*team* kollu li qed jimpenjaw ruħhom biex jippromwovu kultura ta' rispett, djalogu u ħbiberija, dan anke fil-kuntest tal-messaġġ li wassal il-Papa Benedittu XVI f'Jannar li għadda fil-jum iddedikat lill-Media.



# Żjara tal-Prim Ministru
# fil-Parroċċa tagħna fil-Kanada

Fr Dominic Cachia mssp,
*mill-Kanada*

**Għalkemm dan li ser naqsam magħkom issa ilu ftit li ġara, imma għalina jibqa' ferm importanti, speċjalment aħna li ngħixu 'l bogħod minn Malta.**

Kif naħseb li tafu f'Settembru li għadda il-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, akkupanjat minn Dr. Tonio Borg Viċi Prim Ministru u ministru tal-Affarijiet Barranin, ġew Toronto. F'din iż-żjara qasira ried li jagħmel viżta lil Parroċċa Maltija Kanadiża ta' San Pawl Appostlu, immexxija mis-Soċjetà tagħna, u l-Komunità Maltija li tgħix hawn.

Wara kelmtejn ta' merħba minn wieħed mill-parruċċani, l-Prim Ministru mad-delegazzjoni tiegħu attendew għal-quddiesa li bħas-soltu kienet bil-malti, u spiċċajna kif kien xieraq bl-Innu Malti.

Wara l-quddiesa l-Prim Ministru u id-delegazzjoni tiegħu ġew mistiedna fis-sala San Pawl biex jiltaqgħu mal-komunità Maltija (flimkien ma' l-għawdxin). Ħawnhekk il-Prim Ministru seta' jara t-tifkiriet Maltin li għandna esposti fis-sala.

Wara li saru kelmtejn qosra rigward l-istorja tal-Parroċċa, il-Prim Ministru rrisponda billi wera l-apprezzament tiegħu għall-ħidma pastorali li ssir mis-saċerdoti Maltin biex iżżommu l-fidi ħajja u t-tradizzjonijiet ta' pajjiżna fost l-emigranti Maltin ġewwa l-Kanada. Hu ammira ħafna x-xogħol tal-voluntieri kif ukoll is-sehem tal-kor ta' San Pawl. F'isem il-parroċċa ppreżentajna lil Prim Ministru kif ukoll lil Dr. Tonio Borg, xbieha tal-Madonna Omm l-Emigrant. Wara din il-preżentazzjoni kulħadd kellu ċans li jiltaqa' personalment mal-Prim Ministru.

Kien ta' ferħ għalina l-kliem li qalet il-Konslu Ġenerali ta' Malta, Mrs Fiona Formosa, wara li telaq il-Prim Ministru, "Iż-żjara fil-knisja tagħkom kienet waħda mill-isbaħ mumenti għall-Prim Ministru u tad-delegazzjoni tiegħu."





# Mabuhay sa Pilipinas

Fr Lonnie Borg mssp,
*mill-Filippini*

Kull nhar ta' Ħadd wara l-quddiesa flimkien ma xi lajċi mmur nżur xi familja. Dawn huma mumenti fejn jien u t-*team* tal-parroċċa niltaqaw mal-familji.

Xi ħaġa li ninnota hu l-fatt li kważi f`kull familja li nżuru dejjem jgħidulek li għandhom qraba jaħdmu barra l-Filippini, speċjalment fil-Japan, USA, s-Saudi Arabja, Dubai u fl-Ewropa. hawnhekk dawn jissejħu *Overseas Filipino Workers* (O.F.W`s fil-qasir). Skond statistiċi maħruġa mill-gvern hemm aktar minn tlett miljun irġiel u nisa barra l-pajjiż bħala OFW`s. Dan ifisser li 5% tal-popolazzjoni. Dan il-fenomenu qed jaffetwa b`mod tajjeb u anke ħażin. Bla dubju, qed jgħin lill-ekonomija tal-pajjiż, però fl-istess ħin qed jitwieldu problemi ġodda fil-familji. Ir-raġuni prinċipali li jħallu art twelidhom hija waħda ekonomika. L- unika triq li hemm għal futur ta' uliedhom.

Tajjeb li nsemmi li meta xi ħadd iħalli l-Filippini, dan jieħu miegħu wkoll kultura sinjura, prinċipji u l-valuri li bla dubju jolqtu wkoll lil dawk li jiltaqgħu magħhom. Sabiex tifmhu ftit aktar il-karattru Filippin, nsemmi tlett valuri kulturali li huma magħġuna f`kull Filipino.

L-ewwel: Huma, minn natura tagħhom iħobbu jikkooperaw u jersqu lejn oħrajn anke jekk ikunu barranin. Dan bit-Tagalog jissejjaħ **PAKIKISAMA**. Dan il-valur għandu vantaġġ li permezz tiegħu l-Filipinos jafu joħolqu ħbieb ġodda u jibnu relazzjoni ma' l-oħrajn anke f'pajjiżi ġodda.

It-tieni valur huwa dak li l-Filipino jħobb jaqsam dak li għandu, u anke jgħin lil dawk fil-bżonn. Dan bit-Taġaloġ jsibuħ bħala **BAYANIHAN**. Dan jidher ċar f'okkażżjonijet fejn jiltaqgħu flimkien għal xi festa, jew f`mumenti ta' niket. Aħna l-missjunarji nħossu dan l-ispirtu ta` ospitalità, tħossok *at home*.

It-tielet valur kulturali hu dak li, juru gratitudni għal min ikun għenhom meta kienu fil-bżonn. Dan jissejjaħ **UTANG na LOOB**. Waħda mara li kont għintha tistudja u llum saret għalliema, qaltli, "*Father* jien qatt ma ninsa' dak li int għamilt għalija. Issa jiena nixtieq nagħmel l-istess għal ħaddieħor li Hu fil-bżonn."

Din hija realta attwali, ta` tant eluf li jħallu art twelidhom bit-tama li jsibu futur aħjar għalihom u l-familji tagħhom. Veru li qed jibagħatu lura l-miljuni ta' *pesos* lill-familji tagħhom, però teżisti ir-realtà l-oħra, ta' eluf ta' tfal li qed jikbru mingħajr omm u missier jew it-tnejn. It-tfal jittrabbew man-nanna jew maz-zijiet. Din ir-realtà qed toħloq problemi, li taraha ċara sew fl- ibliet kbar u anke fl-iċken raħal tal-Filippini.

# Attivitajiet fil-Perù

Fr Nicholas Schembri mssp,
*mill-Perù*

### Il-Katekiżmu.

Waħda mill-attivitajiet li nwettqu hawnhekk hija l-Katekeżi. Il-katekeżi tkopri kemm lit-tfal u kemm il-ġenituri tagħhom, b'hekk il-ġenituri stess jkunu jakkumpanjaw lill-uliedhom fil-mixja ekkleżjali tagħhom. Ma dan għandna l-katekeżi tradizzjonali kif nafuha Malta u tul dawn is-sitt xhur kont qed nattendi f'raħal fqir ħafna jismu El-Castillo. Hawn nitla' bil-katekisti u niġbru t-tfal li jvarjaw bejn 30 u 40 u l-ewwel nitolbu u wara nqassmilhom kotba sbieħ biex jagħmlu 20 minuta jaqraw. Kieku tafu b'liema ħerqa jistennew il-kotba bl-istejjer u stampi. Dawn it-tfal ħadd minnhom m'għandu ktieb id-dar. Wara jilgħabu għal madwar 30 minuta bil-blalen li neħdulhom u mbagħad ikantaw u jkollhom id-*dinamicas* u nispiċċaw bil-klassi tal-katekiżmu. Imma qabel imorru nagħtihom il-ħelu għax ikunu qed jistenneh bil-ħniena. Qabel spiċċajna l-katekiżmu għal din is-sena, ħriġthom ħarġa u dan ifisser niżżilthom Aplao fejn qagħdu jilgħabu fil-*playing field* tal-kulleġġ u wara morna *Huancarqui*, pajjiż is-sħaħar. Kull mara li bdew jiltaqgħu magħha bdew isaqsuha , "Inti saħħara?" u dawn bit-tbissima kollha weġbuhom li iva, imma qalulhom li titjiriet bl-ixkupi jsiru biss it-Tlieta u l-Ġimgħa u billi aħna morna l-Erbgħa, allura tlifna l-ispettaklu. Insomma it-tfal kollox jemmnu.

### Iċ-Ċinima

Hawn hija drawwa li kull festa li jorganizzaw ikollhom parrinu u dawn it-tfal talbuni inkun parrinu tagħhom. Billi naf li huma l-ifqar tfal tar-raħal aċċettajt. Meta staqsejt it-*teacher* tagħhom x'qed jistenna minni bħala parrinu qalli "Padre aħna nixtieqnone biss tqaddsilna quddiesa". Meta rajt dik l-umiltà, għidtlu biex nieħdu it-tfal Arequipa għax dawn ħadd minnhom ma kien mar. Bil-ferħ Enrique qabiżlu d-dmugħ u qalli, "Qatt ma mmaġinajt li ser nisma proposta bħal din." U morna. B'kollox konna għaxart itfal, żewġ ommijiet u t-*teacher* u jien. Ħadthom iċ-ċinema, li dawn qatt ma kienu raw, u trid tarahom meta għal l-ewwel darba skoprew l-*escalator*. Telgħu qishom qtates imbeżżgħin u kif telgħu rajthom jiċċassaw lejh. Staqsejthom jekk ħadux gost telgħin bih u qaluli li iva. Dħalna naraw il-film Madagascar 2 u tgħidx kif baqgħu qishom tal-ġibs. Anke l-ommijiet, qatt ma kienu daħlu ġo ċinema. L-għada ħadthom l-ajruport u daħluhom fejn iċ-*Check in*. Qagħdu jfissrulhom għaliex dawk il-magni tal-*X rays*. imbagħad morna l-Kunvent ta' Santa Catalina, li fiż-żmien kien kunvent tal-klawsura u huwa vera sabiħ.

